# Beati u Qaddisin...Novembru

SANTA CECILJA

22 TA' NOVEMBRU



Il-Familja ta' Santa Cecilja kienet wahda mill-familji principali u maghrfua ta' Ruma. Skont l-uzanza tradizzjonali ta' dawk iz-zminijiet il-familja taghha hasbet biex tgharrasha ma' wiehed jismu Valerju. Fil-jum tat-tieg taghha stqarret ma' Valerju li hija hadet gurament li tibqa' vergni quddiem Alla u li anglu taghha iharisilha lill-gisimha biex jipprotegilha l-vergnita' taghha quddiem kull vjolazzjoni. Qalet ukoll lil Valerju li huwa seta' jara lil dan l-anglu jekk imur lejn il-post li ndikatlu fit-triq. Valerju ghamel kif qaltlu Cecilja u hemm iltaqa' mal-Papa Urbanu li heggeg lil Valerju biex jemmen fi Kristu. Imbaghad meta wera' li kien emmen il-Papa ghammdu.

F'dan il-periodu li fih kienet tghix Cecilja, kien projbit li xi hadd jidfen l-igsma ta' l-insara. Valerju u huh iddedikaw ruhhom biex jidfnu l-igsma ta' l-insara kollha li huma jiltaqghu maghhom. Qabduhom u haduhom quddiem l-imhallef li ordnalhom li jaghtu qima lil Gupiter, alla ruman. Irrifjutaw li jichdu l-fidi taghhom u gew moghtija l-martirju.

Is-suldati mbaghad gew ghal Cecilja u tawha parir biex tichad il-fidi taghha. Bi twegiba qaltilhom li hija lesta li tmut milli tirrinunzja il-fidi taghha. Huma resquha lejn forn li minnu kienu qed johorgu dhahen jaharqu u velenuzi. Dan sar biex hija tmut fgata.

Minflok ma fgat hija bdiet tkanta; u huwa ghalhekk li forsi hija kunsiderata bhala l-patruna tal-muzicisti. Meta raw li l-isforzi taghhom kienu ghalxejn, l-esekuturi taghha qatluha bi tlett daqqiet ta' xabla. Izda billi l-bojja ma setghax jifred lir-rasha mill-bqija ta' gisima hallieha f'dak l-istat mimlija demm tmut ftit ftit.